

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef wieħed) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola
vs BEI**

(Kawża F-55/13)⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni 2011 — Illegalità tad-deċiżjoni tal-kumitat tal-appelli — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2016/C 048/100)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: L. Isola, avukat)

Konvenuta: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet tar-rikorrenti tas-sena 2011.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-kumitat tal-appelli tal-Bank Ewropew tal-Investimenti tat-18 ta' Diċembru 2012 hija annullata.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet marbuta mal-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-2011 u ta' kull att-koanness miegħu, konsekutiv u preliminari.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Il-Bank Ewropew tal-Investimenti għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnati minn M. De Nicola.

⁽¹⁾ ĠU C 226, 03.08.2013, p. 26.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola
vs BEI**

(Kawża F-104/13)

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Fastidju psikoloġiku — Proċedura ta' investigazzjoni — Rapport tal-Kumitat ta' investigazzjoni — Definizzjoni żbaljata tal-fastidju psikoloġiku — Deċiżjoni tal-President tal-BEI li l-ilment ma jingħatax segwitu — Annullament — Rikors għad-danni)

(2016/C 048/101)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentant: G. Nuvoli u F. Martin, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament, minn naħa, tal-ittra tal-President tal-BEI li permezz tagħha dan: l-ewwel nett ma adotta ebda miżura li tikkonċerna l-fastidju psikoloġiku li r-rikorrent allegatament sostna għal 20 sena, it-tieni nett, iġġustifika l-fatti rrappurtati u, it-tielet nett, jobbligah, essenzjalment, li jaħdem bħala "mentor" u "business partner", u, min-naħħa l-oħra, tal-opinjoni tal-kumitat "Dignity at work", tal-14 ta' Marzu 2013.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tad-29 ta' April 2013 li permezz tagħha l-President tal-Bank Ewropew tal-Investiment ċaħad l-ilment għal fastidju psikoloġiku ta' C. De Nicola hija annullata.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi u huwa kkundannat għall-ispejjeż esposti minn C. De Nicola.*

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tat-18 ta' Diċembru 2015 – De Nicola vs BEI

(Kawża F-9/14) (1)

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni għall-2012 — Illegalità tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2016/C 048/102)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenuta: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: G. Nuvoli u F. Martin, aġġenti, A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba, minn naħa, li jiġi annullat ir-rapport ta' evalwazzjoni tas-servizzi tar-rikorrent għall-2012, fil-partijiet tiegħu "valutazzjoni", "evalwazzjoni" u "iffissar tal-għanijiet għall-2013", u sa fejn huwa ma ġiex propost għall-promozzjoni għall-funzjoni D sussegwentement, li tiġi annullata jew iddikjarata mhux applikabbli n-nota lill-persunal Nru°722 tal-5 ta' Diċembru 2012 kif ukoll il-gwida tal-proċedura ta' evalwazzjoni tal-persunal 2012, u, min-naħħa l-oħra, li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku kontra tiegħi. Fl-aħħar nett, it-talba li l-BEI jiġi kkundannat għall-ħlas għad-danni morali u materjali mgħarrba.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli tal-Bank Ewropew tal-Investiment tat-23 ta' Ottubru 2013 hija annullata.*